MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2003

Appell Kriminali Numru. 118/2002/1

**Il-Pulizija**

**v.**

**Larry Lagana`**
**Christian Laganan**
**Matthew Laganan**
**Marlon Galea**
**Johann Spiteri, u**
**Petrovich Coreshi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Larry
Lagana`, Christian Laganan, Matthew Laganan, Marlon Galea, Johann Spiteri, u Petrovich Coreshi talli gewwa l-"Football Ground" tas-Siggiewi, u barra, fi Triq Salvu Mallia, is-Siggiewi, nhar is-Sibt 18 ta' Marzu, 2000 ghall-habta ta' xi t-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar:

(1) Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqeghdu l-hajja ta’ Lawrence Bugeja minn Wied il-Ghajn f’perikolu car ikkagunawlu hsara fil-gisem tieghu billi hebbew ghalih u tawh daqqiet ta’ sieq u daqqiet ta’ ponn fuq diversi partijiet ta’ gismu u b’hekk ikkagunawlu ferita ta’ natura gravi per durata, li tikkonsisti fi ksur fi drieghu tal-lemin li kkagunat debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem tieghu, kf ukoll diversi feriti ohra ta’ natura hafifa, skond ma ccertifika Dr Mark Xuereb MD, tad-Dipartiment ta’ l-Emergenza ta’ l-Isptar San Luqa u dan ai termini tal-artikoli 215, 216 u 218 tal-Kodici Kriminali;
(2) U aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, volontarjamnet hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor u cioe` hsara fuq il-vettura tal-ghamla Peugeot 205 bin-numru tar-registrazzjoni IAO-068, ghad-dannu ta’ Charles Borg mis-Siggiewi, liema hsara teccedi l-hamsin lira izda mhux il-hames mitt lira Maltin, u dan ai termini tal-artikolu 325(b) tal-Kodici Kriminali;
(3) Kif ukoll talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, volontarjament kisru il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, bi glied u ghajjat, ai termini tal-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali;

Il-prosekuzzjoni talbet lill-qorti illi f’kaz ta’ kundanna tissospendi lill-imsemmija Larry Lagana`, Christian Laganan, Matthew Laganan, Marlon Galea, Johann Spiteri u Petrovich Coreshi, milli jidhlu fil-ground tas-Siggiewi u gewwa football grounds ohra f’dawn il-Gzejjer, ghall-perjodu ta’ mhux anqas minn tnax-il xahar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta’ Mejju, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija Larry Lagana’, Christian Laganan, Matthew Laganan, Marlon Galea, Johann Spiteri, u Petrovich Coreshi hatja skond l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u kkundannat

1. lil Larry Lagana` ghal piena ta’ tnax-il xahar prigunerija;
2. lil Christian Laganan ghal piena ta’ sitt xhur prigunerija;

3. lil Matthew Laganan multa ta tlett mitt liri (Lm300);
4. lil Marlon Galea ghal piena ta' tlett xhur prigunerija;
5. lil Johann Spiteri multa ta' mitt liri (Lm100); u
6. lil Petrovich Coreschi multa ta' mitt liri (Lm100).

Inoltre dik il-qorti inibiet lill-hatja kollha milli jidhlu fi kwalunkwe 'ground tal-football' jew kumpless iehor sportiv f'dawn il-Gzejjer ghal perjodu ta' tlett snin;

Rat it-talba ghas-sospenjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza, debitament akkordata fir-rigward tas-sitta li huma fis-7 ta' Mejju, 2002;

Rat ir-rikorsi ta' appelli ta' Larry Lagana`, Christian Laganan, Matthew Laganan, Johann Spiteri, Petrovich Coreshi, minnhom ippresentati fis-16 ta' Mejju, 2002, kif ukoll ir-rikors ta' appell ta' Marlon Galea minnu prezentat fit-13 ta' Mejju, 2002;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Dana l-appell (jew ahjar, appelli, ghax effettivament gew presentati hames rikorsi separati) jirrigwarda incident li nqala' wara l-partita football li nzammet fit-18 ta' Marzu, 2000 fil-ground tas-Siggiewi bejn it-timijiet tal-*under 18* bejn il-Fgura u l-Birgu. Il-fatti jistghu jigu brevement riassunti fi kliem l-ewwel qorti, li fis-sentenza taghha qalet – u din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan ir-riassunt hlief ghal xi punti li jigu spjegati aktar 'l quddiem – hekk:

**Illi fit-18 ta' Marzu, 2000 fil-"football ground" tas-Siggiewi kien hemm loghba bejn it-team tal-Fgura u dak ta' Vittoriosa fil-kategorija tal-"minors". Lejn l-ahhar ta' din il-loghba l-imputat Matthew Laganan, li dak in-nhar kien qed jilghab mat-team ta' Vittoriosa, gie mkecci mir-referee. Matthew Laganan mar hdejn is-supporters u fosthom kien hemm hutu, Larry Lagana` u Christian Laganan…Sar diskors bejn l-ahwa li wara li tispicca l-loghba jmorru ghal certu**

**Renzo Kurt Cumbo…Kif spiccat il-loghba s-sitwazzjoni deheret li kkalmat izda waqt li l-players kienu hergin mill-"ground"…Larry Lagana`, Christian Laganan u Matthew Laganan deheru sejrin ghal Renzo Kurt Cumbo. Lawrence Bujega, li kien jaf x'seta' jigri, resaq lejn Cumbo u firdu minn dawn l-imputati. Mid-dehra dan Cumbo kien il-mira desinjata tal-players ta' Vittoriosa u l-azzjoni ta' Lawrence Bugeja ma nizzlitx tajjeb maghhom ghaliex l-imputat Petrovich Coreschi, player iehor ta' Vittoriosa, imbotta lil Lawrence Bugeja ghal fuq il-karozza li kienet ipparkjata barra l-"ground". Lawrence Bugeja waqa' ma' l-art u l-imputati kollha bdew ituh bis-sieq u bl-idejn. Lawrence Bugeja xehed li l-imputat Larry Lagana` kissirlu idu b'daqqa ta' sieq…**

Il-Qorti sejra tezamina ir-rikorsi ta' appell wiehed wiehed, kif ukoll tezamina d-diversi aggravji *seriatim*, ghalkemm mhux necessarjament fl-ordni kif migjuba f'kull rikors.

L-appellant Larry Lagana` jilmenta, bazikament, li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti. Huwa jghid li l-ewwel qorti strahet fuq xhieda li ma kienux "indipendenti" ghax kienu kwazi kollha tat-team oppost (jigifieri tal-Fgura). Din il-Qorti ma taqbilx, jew ghall-anqas ma taqbilx ghal kollox. Wara li qrat akkuratament u aktar minn darba id-deposizzjonijiet kollha, din il-Qorti ma tara ebda raguni valida ghala ghandha tiddisturba l-apprezzament maghmul mill-ewwel qorti ghal dak li jirrigwarda l-partecipazzjoni ta' l-appellant Larry Lagana` f'dan l-incident. Wiehed m'ghandux jinsa li l-ewwel qorti – a differenza ta' din il-Qorti, cioe` l-Qorti ta' l-Appell Kriminali – kellha l-opportunita` li tisma' lix-xhieda kollha *viva voce*, u ghalhekk kienet f'posizzjoni ferm ahjar minn din il-Qorti li taghmel apprezzament tal-kredibbilita` ta' kull xhud. L-ewwel qorti setghet legalment u ragjonevolment toqghod fuq id-deposizzjoni ta' Lawrence Bugeja – korroborata f'hafna partijiet minn dik ta' xhieda ohra – li Larry Lagana` kien wiehed minn dawk li beda jaghtih waqt li huwa kien fl-art, u li kien dan Lagana` li, meta xejjer daqqa ta' sieq li kienet ser tolqot lil Bugeja f'wiccu u dan mar biex jilqa' b'idejh ix-xellugija, spicca biex kissirlu idu x-xellugija.

Minhabba din l-offiza Bugeja dam mill-anqas xaharejn u nofs ma jistax imur ghax-xoghol. Inoltre, skond id-deposizzjoni tal-kirurgu ortopediku Carmelo Sciberras fl-1 ta' Gunju, 2000 l-offiza li kien garrab Bugeja "kienet diga qed tfieq, pero` fieqet daqsxejn mghawwga, *malunion* jigifieri". Dana l-kirurgu jikklassifika l-offiza bhala gravi *per durata*. Dak li ma jirrizultax car minn imkien huwa jekk din l-offiza tistax tigi klassifikata bhala "gravissima" minhabba li, skond l-imputazzjoni, "gabet debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem". Jigi nnutat a propositu li l-imputazzjoni ma ssemmix "difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem". Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax tghid li jirrizulta li l-offiza kienet gravissima; certament, pero`, kienet wahda gravi fis-sens ta' l-Artikolu 216 tal-Kodici Kriminali. Anqas jista' jinghad li dana Larry Lagana` kien responsabbli ghall-hsara kagunata fil-vettura ta' Charles Borg.

Aggravju iehor ta' Larry Lagana` hu li l-azzjoni fir-rigward tat-tielet l-imputazzjoni – il-kontravvenzjoni ta' *breach of the peace* – kienet preskritta. Dan l-aggravju hu infondat. L-incident sehh fit-18 ta' Marzu tas-sena 2000; l-appellanti (allura imputati) kollha tressqu quddiem il-Qorti Istruttorja fl-14 ta' Gunju, 2000 u ghalhekk entro t-terminu ta' tlett xhur.

Larry Lagana` jilmenta wkoll mill-fatt li l-ewwel qorti ma kellix issibu hati li kkaguna offiza gravi (jew gravissima) fuq Bugeja, izda se mai kellha ssibu hati biss skond l-Artikolu 237 tal-Kodici Kriminali, jigifieri ta' partecipazzjoni f'rissa li fiha persuna sfat offiza. Din il-Qorti ma taqbilx. Appart li l-glieda ma kienitx wahda "accidentali" izda kienet arkitettata u ppjanata mill-ahwa Laganan[1], min ikkaguna l-offiza gravi <u>jista' jigi puntwalizzat</u> (bhalma jistghu jigu individwati dawk li kkagunaw l-offizi ta' natura hfief). Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi wkoll respint.

Fl-ahharnett, l-appellant Larry Lagana` jilmenta dwar il-piena. Din il-Qorti diga kellha l-okkazjoni li tfisser li fil-fehma taghha l-vjolenza gratuwita kontra l-persuna

[1] Ghal xi raguni, l-imputat Larry hu registrat fir-Registru Pubbliku taht il-kunjom Lagana` flok Laganan.

ghandha, bhala regola, iggib maghha l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat. F'dan il-kaz kellna attakk brutali wara loghba football fuq ufficjal ta' team tal-football, attakk li ma kien b'ebda mod provokat, attakk li jaghmel dizunur lill-loghba tal-football, u li halla lil Lawrence Bugeja immankat ghal kwazi tlett xhur. F'dan il-kaz ma hemmx dubbju li piena karcerarja ghandha tigi imposta biex isservi ta' deterrent lil min jahseb li jista jaghmilha tal-"bully" fil-"ground tal-football". Naturalment, ser ikun hemm temperament zghir minhabba l-fatt li din il-Qorti qed issib li l-offiza kagunata minn Larry Lagana` kienet biss gravi u mhux ukoll gravissima, u peress li dana l-appellant ser jigi liberat mit-tieni imputazzjoni.

L-appelli ta' Christian Laganan u ta' Matthew Laganan huma, tista' tghid, identici ghal dak ta' huhom Larry Lagana`. Din il-Qorti hi tal-fehma li mill-provi prodotti dawn setghu jinstabu hatja biss li kkagunaw offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Bugeja; inoltre huma ma setghux jigu misjuba hatja skond it-tieni imputazzjoni, u dan minhabba insufficjenza ta' provi. L-appellant Matthew Laganan jilmenta b'mod partikolari illi huwa kien minorenni fid-data meta gara l-kaz. Dana l-fatt ser jittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti fil-varjazzjoni li ser taghmel fir-rigward tal-piena.

Il-Qorti sejra tikkonsidra issa l-appell ta' Marlon Galea. L-ewwel aggravju, u addirittura l-aggravju principali, ta' Galea hu, bazikament, fis-sens li l-ewwel qorti ma messha qatt sabitu hati kif effettivament sabitu. A skans ta' hafna dilungar din il-Qorti taghmilha cara mill-ewwel li, bhal fil-kaz ta' l-appellanti l-ohra kollha, ma hemmx provi sufficjenti ghal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni. Kwantu ghall-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti hija wkoll tal-fehma li dana Galea jista' jinstab hati biss li kkaguna griehi ta' natura hafifa (kif ukoll hati ta' ksur tal-bon-ordni u l-paci pubblika skond it-tielet imputazzjoni). Mhux korrett l-appellant li jghid li ma kienx hemm prova li huwa kien "osservatur fil-Kunsill tal-MFA u ufficjal tal-club ta' Vittoriosa" – fatt, dan, kif tajjeb josserva l-appellant, li wassal lill-ewwel qorti sabiex tikkarga xi ftit il-piena. Jekk wiehed jara l-istqarrija ta' l-imsemmi Marlon Galea (fol.

33), dana l-appellant stess jistqarr li huwa ghandu l-kariga ta’ osservatur fil-Kunsill tal-MFA “u ukoll plejer mal-Vittoriosa Stars tal-Birgu”. Huwa veru li forsi ma jistax jissejjah “Ufficjal tal-Club”, pero` jibqa’ l-fatt li huwa kellu kariga ufficjali b’mod li kien moralment obbligat li javvanza l-interessi ta’ l-isport u mhux jaghmel xi haga – bhalma efftivament ghamel – li jgib l-isport tal-football *into disrepute*. L-appellant idur dawra mad-deposizzjonijiet ta’ diversi xhieda biex jipporva jikkonvinci lil din il-Qorti li hu ma kellu ebda sehem fl-akkadut. Din il-Qorti ghamlet l-istess pero` waslet ghal konkluzzjoni dijametrikament opposta. Hekk, per ezempju, Renzo Kerr (jew Kurt) Cumbo jghid hekk (fol. 85):

**Qorti:** Taf min ta lil Lawrence Bugeja?
**RKC:** It-tnejn li semmejt jigifieri Matthew Laganan u Larry, ta’ magenbhom ta’ l-ingravata blu.
**Qorti:** Hawnhekk ix-xhud qed jindika lil Marlon Galea.
**RKC:** U ta’ magenb Marlon Galea wkoll.
**Qorti:** Hawnhekk ix-xhud qed jindika lil Johan Spiteri.

Ix-xhud Paul Muscat, wara li ddeskriva kif l-imputati kollha marru ghal Renzo Kurt Cumbo (fol. 102), kompla hekk:

**Difiza:** Imbghad x’gara wara li marru ghalih?
**PM:** Renzo Cumbo kien hiereg imbghad Lawrence Bugeja imbuttah ‘l gewwa.
**Difiza:** Ghalfejn imbuttah ‘l gewwa?
**PM:** Biex ma jaqbdux jaghtuh. Imbghad qabdu jaghtu lil Lawrence.
**Difiza:** Min qabad jaghti lil Lawrence?
**PM:** Mhux dawk kollha.
**Difiza:** Jigifieri l-istess nies li taw lil Renzo kienu l-istess nies.
**PM:** Li kienu ser jippruvaw jaghtu lil Renzo.
**…**
**Pros:** Int rajthom kif bdew jaghtuh lil Lawrence kif bdew jaghtuh?
**PM:** Bis-sieq, b’kollox, tefghuh ma’ l-art sahansitra.

Huwa veru li x-xhud Mario Gauci jghid li l-uniku wiehed mill-imputati li hu ma rax jaghtu lil Bugeja kien Galea;

pero` dan ma jfissirx li ghax ma rahx wiehed minn diversi xhieda, allura hu ghandu ragun u l-ohrajn ma humiex korretti fl-identifikazzjoni ta’ dana l-appellant. Din hi kwistjoni ta’ apprezzament ta’ fatt – fatti li graw fl-isfond ta’ glieda fejn kienu involuti diversi nies – u wiehed facilment jista’ ma jkunx ra lil kulhadd. Kollox ma’ kollox din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarja l-apprezzament maghmul mill-ewwel qorti u ghalhekk, kif diga inghad, ser tiddikjara lil Marlon Galea hati skond l-ewwel imputazzjoni (pero` riferibbilment ghal offizi ta’ natura hafifa biss) u skond it-tielet imputazzjoni. Kwantu ghall-piena, din il-Qorti diga ghamlet l-osservazzjoni taghha aktar ‘l fuq.

Fl-ahharnett ser jigi kkunsidrat l-appell ta’ Spiteri u Coreschi. Dawn ukoll jeccepixxu l-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni fir-rigward tat-tielet imputazzjoni. Ghar-raguni diga moghtija, din l-eccezzjoni qed tigi respinta. Bazikament l-appellanti jikkontendu li huma ma ghamlu xejn u li ghalhekk instabu hatja hazin. Din il-Qorti ma taqbilx. Il-provi juru bic-car li huma bdew jaghtu wkoll lil Bugeja meta huwa kien ma’ l-art b’mod li kkagunawlu offizi ta’ natura hafifa. B’dan il-mod huma wkoll saru hatija tar-reat kontravvenzjonali ta’ ksur tal-bon-ordni u l-paci pubblika. Pero` ma hemmx prova cara li torbot lil Spiteri jew lil Coreschi mal-hsara kkagunata fil-vettura ta’ Borg. Huwa minnu li l-ewwel qorti, fil-parti tas-sentenza citata aktar ‘l fuq, qalet li Pertovich imbotta lil Bugeja ghal fuq il-karozza ta' Borg; pero` evidentement hawnhekk dik il-qorti kienet qed tistrieh fuq dak li xehed Bugeja stess, li qal li hu ma rax min effettivament imbuttah ghal fuq il-karozza, izda semma lil Petrovich ghax kien qallu hekk Mario Gauci (ara fol. 43). Pero` fid-deposizzjoni tieghu Mario Gauci (fol. 95 sa 98) imkien ma jsemmi dana l-fatt, cioe` li Petrovich tefa’ lil Bugeja fuq il-karozza (b’mod li saret hsara fl-istess karozza). Dak li qal Bugeja dwar Petrovich riferibbilment ghal fatt li imbuttah fuq il-karozza huwa *hearsay* u ghalhekk inammissibbli. Fl-ahharnett dawn iz-zewg appellanti jilmentaw ukoll mill-piena, u jigbdu l-attenzjoni ta’ din il-Qorti li huma kienu taht it-tmintax-il sena fiz-zmien ta’ l-incident. Dana l-fatt, cioe` ta’ l-eta`, ma jidhirx li ttiehed in konsiderazzjoni mill-ewwel qorti – infatti ma hemm ebda referenza fis-sentenza ghall-Artikolu 37 tal-

Kodici Kriminali, u ghalhekk din il-Qorti ser ikollha taghmel id-debitu aggustament anke fid-dawl tal-fatt li sejra tillibera lil dawn iz-zewg appellanti mit-tieni imputazzjoni u mill-akkuza li kkagunaw offiza ta' natura gravi[2].

A propositu tal-piena din il-Qorti tosserva – u dan fir-rigward ta' l-imputati kollha – is-segwenti:

i) L-ewwel qorti inibiet lill-appellanti kollha milli jidhlu fi kwalunkwe "ground tal-football" jew kumpless iehor sportiv f'dawn il-Gzejjer ghall-periodu ta' tlett snin. Din il-Qorti ma tarax li din il-piena setghet tigi inflitta. Ir-Regolamenti biex jinzamm l-Ordni Pubbliku fil-*Grounds* ta' l-Isports (Avviz Legali 88/1978) jipprovdu ghal projbizzjoni massima ta' sena (ara r-regolament 9(2)). Pero` din il-piena ta' projbizzjoni milli wiehed jattendi f'xi *ground* ta' l-isports hi applikabbli biss meta wiehed jaghmel reat kontra l-istess Regolamenti. Ebda wiehed mill-appellanti (allura imputati) ma gie akkuzat taht dawn ir-Regolamenti, kif anke jidher car min-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali a fol. 116. Huwa veru li l-appellanti kollha jimmeritaw li jigu eskluzi mill-*grounds* ta' l-isports ghal periodu twil; pero` l-qrati jridu jimxu mal-ligi, u fin-nuqqas ta' akkuza specifika taht l-imsemmi A.L. 88/78 l-imsemmija projbizzjoni ma setghetx tigi applikata.

ii) Skond l-Artikolu 216(1) tal-Kodici Kriminali, kull min jisntab hati li kkaguna offiza gravi volontarja fuq il-persuna hu soggett ghall-piena ta' prigunerija minn tlett xhur sa tlett snin. Skond l-Artikolu 221(1), imbghad, il-hati ta' offiza volontarja hafifa fuq il-persuna hu soggett ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlett xhur <u>jew</u> ghall-multa. L-Artikolu 37 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li jekk il-hati ikun ghalaq l-erbatax-il sena izda ma jkollux tmintax-il sena fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat, il-piena applikabbli ghar-reat ghandha titnaqqas bi grad jew tnejn. Fl-ahharnett, skond l-Artikolu 31(1)(f) ta' l-imsemmi Kodici "it-tlugh mill-piena tal-multa jsir ghall-prigunerija ghal

[2] Ghandu jigi precizat, ghall-korrettezza, li fil-korp tas-sentenza jinghad li "Larry Lagana` hu responsabbli ghall-feriti ta' natura gravi li sofra Lawrence Bugeja u l-imputati l-ohra huma responsabbli ghall-feriti ta' natura hafifa li sofra l-istess Bugeja"; pero`, fil-paragrafu tad-*decide* ma saritx distinzjoni bejn offizi ta' natura gravi u offizi ta' natura hafifa – jinghad biss "issib lill-imputati kollha hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom".

zmien mhux izjed minn tlett xhur, u l-inzul isir ghall-pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet” (sottolinear ta’ din il-Qorti). Il-pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet huma, skond l-Artikolu 7(2), id-detenzjoni, l-ammenda, jew ic-canfira jew it-twiddiba. Ghalhekk il-piena ta’ detenzjoni hija meqjusa mill-ligi stess baha piena anqas minn dik tal-multa.

iii) Dak li sehh fil-ground tal-football tas-Siggiewi fit-18 ta’ Marzu tas-sena 2000 – l-incident meritu ta’ din il-kawza – hija haga tal-misthija li, kif diga inghad, taghmel dizunur lill-loghob tal-football. L-i*sportsman* veru huwa dak li jkun minn ta’ l-ewwel li, meta jitlef, imur biex jifrah u jikkongartula ruhhu ma l-avversarju tieghu, u mhux, kif ghamlu l-appellanti, imur biex jaghmel ghalih jew biex isawwtu.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tiddisponi mid-diversi appelli billi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

**A.** tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lil Larry Lagana` hati li kkaguna offiza volontarja ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Lawrence Bugeja (b’dan, pero` li l-offiza kienet biss gravi skond l-Artikolu 216 tal-Kodici Kriminali u mhux ukoll gravissima skond l-Artikolu 218), kif ukoll fejn sabitu hati skond it-tielet imputazzjoni;

**B.** tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellanti l-ohra kollha hatja skond it-tielet imputazzjoni;

**C.** thassarha u tirrevokaha fil-bqija, u minflok (i) issib lil Christian Laganan, Matthew Laganan, Marlon Galea, Johann Spiteri u Petrovich Coreschi hatja wkoll li kkagunaw offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Lawrence Bugeja u (ii) tikkundanna lil Larry Lagana` ghall-piena ta’ disa’ (9) xhur prigunerija, lil Christian Laganan ghall-piena ta’ xaharejn (2) prigunerija, lil Matthew Laganan ghall-piena ta’ hmistax-il (15) gurnata detenzjoni, lil Marlon Galea ghall-piena ta’ hmistax-il (15) gurnata prigunerija, lil Johann Spiteri ghal piena ta’ sitt (6) ijiem detenzjoni u lil Petrovich Coreschi ghall-piena ta’ sitt (6) ijiem detenzjoni.

---------------------------------TMIEM---------------------------------